C/2026/3740

13.7.2026

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ M.12514 — FRASERS/HUGO BOSS)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(C/2026/3740)

1. Fit-2 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Frasers Group plc (iktar 'il quddiem "Frasers", ir-Renju Unit), ikkontrollat minn Mike Ashley,

— HUGO BOSS AG ("Hugo Boss", il-Ġermanja).

Frasers se jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Hugo Boss kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fl-10 ta' Ġunju 2026.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Frasers huwa attiv fil-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut ta' (i) oġġetti ġenerali tal-isport u tal-fitness, (ii) prodotti ta' stil ta' ħajja primjum, u (iii) prodotti ta' lussu.

— Hugo Boss hija kumpanija tal-moda u tal-istil tal-ħajja li hija nnegozjata pubblikament fil-Borża ta' Frankfurt. Hija attiva fis-segment primjum, u toffri lbies, żraben u aċċessorji ta' kwalità għolja għan-nisa u l-irġiel.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12514 — FRASERS / HUGO BOSS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.